SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla)

26 ta' Ottubru 2016*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikolu 4 — Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae — Tnaqqis minn pensjonijiet tax-xjuħija legali kif ukoll minn kull benefiċċju ieħor supplimentari — Artikolu 13 — Determinazzjoni tal-leġiżlazzjoni applikabbli — Residenza fi Stat Membru ieħor"

Fil-Kawża C-269/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Hof van Cassatie (qorti tal-kassazzjoni, il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tat-18 ta' Mejju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ġunju 2015, fil-proċedura

**Rijksdienst voor Pensioenen**

vs

**Willem Hoogstad,**

fil-preżenza ta':

**Rijksinstituut voor ziekte- en invaliditeitsverzekering,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Għaxar Awla),

komposta minn A. Borg Barthet, li qed jaġixxi bħala President ta' Awla, E. Levits u F. Biltgen (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Belġjan, minn M. Jacobs u L. Van den Broeck, bħala aġenti, assistiti minn N. Bonbled u A. Percy, avukati,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Wils u D. Martin, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 308, iktar 'il quddiem "ir-Regolament Nru 1408/71").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn ir-Rijksdienst voor Pensioenen (uffiċċju nazzjonali tal-pensjonijiet, iktar 'il quddiem l-UNP") u Willem Hoogstad dwar it-tnaqqis minn fondi ta' pensjonijiet supplimentari mħallsa lil dan tal-aħħar fi Frar 2008.

### Il-kuntest ġuridiku

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 Konformement mal-Artikolu 1 tar-Regolament Nru 1408/71,

" [...]

j) leġiżlazzjoni tfisser fejn jidħlu l-istatuti ta' kull Stat Membru, ir-Regolamenti u dispożizzjonijiet oħra u l-miżuri l-oħra kollha implimentati, preżenti u futuri, marbutin mal-friegħi ta' l-iskemi tas-sigurtà soċjali koperti bl-Artikolu 4(1) u (2) jew dawk il-benefiċċji non-kontributorji speċjali koperti bl-Artikolu 4(2a).

It-terminu jeskludi d-dispożizzjonijiet tal-ftehim industrijali eżistenti jew futuri, kemm jekk kienu jew ma kinux suġġetti għal deċiżjoni mill-awtoritajiet li rrendewhom bilfors jew li jestendu l-iskop tagħhom. Madankollu, dement li tali dispożizzjonijiet:

i) iservu biex tidħol fis-seħħ sigurtà bilfors imposta bil-liġijiet u r-Regolamenti li għalihom saret riferenza fis-sottoparagrafu preċedenti;

jew

ii) titwaqqaf skema amministrata mill-istess istituzzjoni bħal dik li tamministra l-iskemi mwaqqfa bil-liġijiet u r-Regolamenti li għalihom saret riferenza fis-sottoparagrafu preċedenti,

il-limitazzjoni fuq it-terminu tista' titneħħa f'kull ħin b'dikjarazzjoni ta' l-Istat Membru kkonċernat li tispeċifika l-iskemi ta' tali tip li għalih japplika dan ir-Regolament. [T]ali dikjarazzjoni tkun innotifikata u ppubblikata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 97.

[...] "

4 L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1408/71 jipprovdi:

"[D]an ir-Regolament jkun japplika għal-leġislazzjoni kollha li tikkonċerna l-friegħi segwenti tas-sigurtà soċjali:

a) il-benefiċċji tal-mard u tal-maternità;

b) il-benefiċċji ta' l-invalidità, inklużi dawk intenzjonati għall-manteniment u l-miljorament tal-kapaċità tal-qliegħ;

ċ) benfiċċji tax-xjuħija;

d) il-benefiċċji tas-superstiti;

e) benefiċċji fejn jidħlu inċidenti fuq ix-xogħol u mard okkupazzjonali;

f) għotijiet tal-mewt;

g) benefiċji tad-disimpjieg [tal-qagħad]:

h) benefiċċji tal-familja.

5 L-Artikolu 13 tal-imsemmi regolament huwa fformulat kif ġej:

" 1. Bla ħsara għall-Artikoli 14ċ u 14f, persuni li għalihom japplika dan ir-Regolament għandhom ikunu soġġetti għall-liġijiet ta' Stat Membru wieħed biss. Dawk il-liġijiet għandhom jiġu stabbiliti skond id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu.

2. Suġġetti għall-Artikoli 14 sa 17:

[...]

f) persuna li għaliha tispiċċa li tkun valida il-leġislazzjoni ta' Stat Membru, mingħajr ma ssir applikabbli għaliha leġislazzjoni ta' Stat ieħor skond waħda mir-regoli stipulata fis-sottoparagrafi li għaddew jew skond waħda mill-eċċezzjonijiet jew dispożizzjonijiet speċjali stipulati fl-Artikoli 14 u 17 tkun suġġetta għal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tkun tabita skond id-dispożizzjonijiet ta' dik il-leġislazzjoni biss."

6 L-Artikolu 3(1) ta' dan l-istess regolament jipprovdi:

"L-istituzzjoni ta' Stat Membru li hija responsabbli għall-pagament ta' pensjoni u li tamministra l-leġislazzjoni li tipprovdi għal tnaqqis mill-pensjoni minħabba l-kontribuzzjonijiet għall-mard u l-maternità tkun awtorizzata tagħmel tali tnaqqis, ikkalkulat skond il-leġislazzjoni kkonċernata, mill-pensjoni pagabbli minn tali istituzzjoni, sa tali punt li l-ispiża tal-benefiċċji taħt l-Artikolu 27, 28, 28a, 29, 31 u 32 issir mill-istituzzjoni ta' l-imsemmi Stat Membru."

*Id-dritt Belġjan*

7 Skont il-punt 7 tal-Artikolu 191(1) tal-wet betreffende de verplichte verzekering voor geneeskundige verzorging en uitkeringen gecoördineerd op 14 juli 1994 (liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura medika u għall-benefiċċji, ikkoordinata fl-14 ta' Lulju 1994, *Belgisch Staatsblad*, 27 ta' Awwissu 1994, p. 21524, iktar 'il quddiem il-"liġi kkoordinata tal-14 ta' Lulju 1994"), fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali:

"[Għandu jkun hemm tnaqqis ta' 3.55 %] mill-pensjonijiet legali tax-xjuħija, tal-irtirar, tal-anzjanità, tas-superstiti jew minn kwalunkwe benefiċċju ieħor li jagħti lok għal pensjoni simili kif ukoll minn kwalunkwe benefiċċju intiż li jissupplimenta tali pensjoni, anki jekk din ma tkunx akkwistata, u mogħtija skont dispożizzjonijiet legali, regolamentari jew statutorji jew skont dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol, minn regolament ta' impriża, minn ftehim kollettiv

imprenditorjali jew settorjali. Dan it-tnaqqis isir ukoll fir-rigward ta' benefiċċju li jagħti lok għal pensjoni jew li jissupplimenta pensjoni, mogħti lil ħaddiem indipendenti skont ftehim kollettiv jew impenn individwali ta' pensjoni, konklużi mill-impriża."

8 Skont l-Artikolu 3a tal-koninklijk besluit tot uitvoering van artikel 191, eerste lid 1, 7°, van de wet betreffende de de verpflichte verzekering voor geneeskundige verzorging en uitkeringen, gecoördineerd op 14 juli 1994 (digriet irjali dwar l-implementazzjoni tal-punt 7 tal-Artikolu 191(1) tal-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura medika u għall-benefiċċji, ikkoordinata fl-14 ta' Lulju 1994), tal-15 ta' Settembru 1980 (*Belgisch Staatsblad*, 23 ta' Settembru 1980, p. 10869), fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali:

"L-evalwazzjoni f'ammonti mensili, imsemmija fl-Artikolu 2(1), għandha ssir mhux iktar kmieni mill-iskadenza tas-sena ċivili li matulha jkunu tħallsu l-pensjonijiet u l-benefiċċji supplimentari. Madankollu, l-evalwazzjoni f'ammonti mensili ta' benefiċċji mogħtija f'pagament wieħed lil persuni li għad ma humiex pensjonanti, tapplika wkoll għas-snin sussegwenti li jkun baqa' jiddekorru sal-età normali tal-irtirar tal-benefiċċjarji ta' dawn il-benefiċċji. Is-saldu possibbli jista' jiġi rrimborsat biss wara l-konstatazzjoni mill-[UNP] li l-ammont gross tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji supplimentari huwa inqas mil-limitu minimu."

9 Skont l-Artikolu 68(1) tal-wet houdende sociale bepalingen (liġi dwar dispożizzjonijiet soċjali), tat-30 ta' Marzu 1994 (*Belgisch Staatsblad*, 31 ta' Marzu 1994, p. 8866, iktar 'il quddiem il-"liġi tat-30 ta' Marzu 1994"), fil-verżjoni applikabbli meta seħħew il-fatti fil-kawża prinċipali, għandu jinftiehem

" [...]

(c) b''benefiċċju supplimentari', kull benefiċċju intiż li jikkompleta pensjoni msemmija f'(a) jew (b), anki jekk din ma tkunx akkwistata u mogħtija skont dispożizzjonijiet legali, regolamentari jew statutorji jew skont dispożizzjonijiet li jirriżultaw minn kuntratt ta' xogħol, minn regolament ta' impriża, minn ftehim kollettiv imprenditorjali jew settorjali, kemm jekk benefiċċju perijodiku kif ukoll jekk benefiċċju mogħti fil-forma ta' kapital.

Jitqiesu wkoll bħala benefiċċji supplimentari fis-sens ta' (c):

il-pensjonijiet iddefiniti f'1(a), imħallsa fil-forma ta' somma f'daqqa;

kull benefiċċju mħallas lil persuna, indipendentement mill-istatus tagħha, b'eżekuzzjoni ta' impenn individwali ta' pensjoni [...] "

10 Skont it-tieni u l-ħames subparagrafi tal-Artikolu 68(5) tal-liġi tat-30 ta' Marzu 1994:

"L-organu Belġjan li jħallas il-benefiċċju supplimentari wara l-31 ta' Diċembru 2006 fil-forma ta' somma f'daqqa li l-ammont gross tagħha jeċċedi EUR 2.478.94 għandu, meta jħallas tali somma, japplika *ex officio* tnaqqis ta' 2% mill-ammont gross tas-somma f'daqqa.

[...]

Jekk waqt l-ewwel ħlas tal-ammont definittiv ta' pensjoni legali li jsir wara l-ħlas ta' somma f'daqqa, il-perċentwali tat-tnaqqis li għandu jsir skont is-subparagrafu 2 ikun inqas mill-perċentwali li jkun ġie applikat fuq is-somma f'daqqa, l-[UNP] għandu jirrimborsa lill-benefiċjarju somma ekwivalenti għad-differenza bejn, minn naħa, l-ammont tat-tnaqqis li jkun sar mis-somma f'daqqa, u min-naħa l-oħra, l-ammont miksub billi tiġi mmultiplikata din l-istess somma f'daqqa bil-perċentwali tat-tnaqqis li għandu jsir skont is-subparagrafu 2. Jekk ir-rimbors isir iktar minn sitt xhur wara d-data tal-ewwel ħlas tal-ammont definittiv ta' pensjoni legali, l-[UNP] għandha *ipso iure* tħallas lill-benefiċjarju

interessi moratorji fuq l-ammont irrimborsat. Dawn l-interessi, li r-rata tagħhom hija ugwali għal 4.75% *per annum*, jibdew jiddekorru b'effett mill-ewwel jum tax-xahar wara l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur. Ir-Re jista' jadatta din ir-rata ta' interessi moratorji."

**Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari**

11 Mill-1 ta' Novembru 1996 sal-31 ta' Diċembru 2004, W Hoogstad, ta' nazzjonalità Olandiża, kien impjegat ma' persuna li tħaddem Belġjana, li kkostitwixxiet favur tiegħu żewġ pensjonijiet supplimentari. Wara li temm il-karriera professjonali tiegħu, matul is-sena 2007, W. Hoogstad mar jgħix l-Irlanda flimkien mal-konjuġi tiegħu, ċittadina ta' dan l-Istat Membru.

12 Meta W. Hoogstad għalaq is-60 sena, fi Frar 2008, huwa tħallas il-kapital taż-żewġ pensjonijiet supplimentari.

13 Fil-Belġju, il-kapital inkwistjoni kien suġġett għal tnaqqis darbtejn. L-ewwel tnaqqis ta' 3.55% sar skont il-punt 7 tal-Artikolu 191(1) tal-liġi kkoordinata tal-14 ta' Lulju 1994, favur l-Institut national d'assurance maladie d'invalidité (istitut nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-mard u tal-invalidità), li huwa inkarigat bid-distribuzzjoni tal-qligħ bejn l-organi responsabbli għall-iskema ta' assigurazzjoni tal-kura tas-saħħa. Tnaqqis ieħor ta' 2% ingħata lill-UNP, skont l-Artikolu 68 tal-liġi tat-30 ta' Marzu 1994, sabiex tissaħħaħ is-solidarjetà bejn il-kategoriji differenti ta' pensjonanti (kontribuzzjoni ta' solidarjetà) u, eventwalment, jiġu implementati aġġustamenti selettivi favur il-pensjonijiet l-iktar baxxi.

14 B'rikors promotur tal-31 ta' Diċembru 2009, W. Hoogstad talab ir-rimbors tas-somom li ma kienx irċieva abbażi tal-fatt li, fid-data meta tħallsu l-imsemmija somom, huwa ma kienx suġġett għal-leġiżlazzjoni Belġjana fil-qasam tas-sigurtà soċjali.

15 B'sentenza tal-arbeidsrechtbank Brussel (tribunal industrijali ta' Brussell, il-Belġju) tat-28 ta' Ottubru 2011, l-Institut national d'assurance maladie d'invalidité (istitut nazzjonali tal-assigurazzjoni tal-mard u tal-invalidità) u l-UNP ġew ordnati jħallsu s-somom li kienu tnaqqsu. Wara li ġie miċħud l-appell tiegħu mill-arbeidshof Brussel (qorti industrijali ta' Brussell, il-Belġju), l-UNP ippreżenta appell fil-kassazzjoni.

16 L-UNP isostni li l-ħlas tas-somom tal-pensjoni supplimentari lil W. Hoogstad sar b'eżekuzzjoni tal-iskemi li ma jitqisux bħala "leġislazzjoni" fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71, u li għaldaqstant dawn is-somom ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* ta' dan ir-regolament. Konsegwentement, it-tnaqqis minn pensjonijiet supplimentari ma huwiex inkompatibbli mal-Artikolu 13(1) tal-imsemmi regolament.

17 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Hof van Cassatie (qorti tal-kassazzjoni, il-Belġju) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"L-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, għall-persuni li jaħdmu għal rashom u għall-membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fil-Komunità għandu jiġi interpretat fis-sens li dan jipprekludi li kontribuzzjoni bħat-tnaqqis imwettaq skont l-Artikolu 191(1)(7) tal-liġi dwar l-assigurazzjoni obbligatorja għall-kura tas-saħħa u għall-benefiċċji ikkoordinata fl-14 ta' Lulju 1994 u bħall-kontribuzzjoni ta' solidarità dovuta skont l-Artikolu 68 tal-liġi tat-30 ta' Marzu 1994 dwar dispożizzjonijiet soċjali, tiġi mnaqqsa fuq benefiċċji ta' skemi ta' pensjoni addizzjonali Belġjani li ma humiex leġiżlazzjonijiet fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(j) ta' dan ir-regolament meta l-benefiċċji tal-pensjoni jkunu dovuti lil aventi kawża li ma jirrisjedix fil-Belġju u li, skont l-Artikolu 13(2)(f) ta' dan l-istess regolament, huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li jirrisjedi fih?"

**Fuq id-domanda preliminari**

*Fuq l-ammissibbiltà*

18 Preliminarjament, il-Gvern Belġjan isostni li t-talba għal deċiżjoni preliminari hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju titlaq mill-premessa żbaljata li t-tnaqqis minn benefiċċji ta' skemi ta' pensjoni supplimentari Belġjani huwa definittiv u ma jagħtix lok għal rimbors. Fid-dawl tal-fatt li l-ammonti inizjalment imnaqqsa ġew irrimborsati fl-intier tagħhom, l-interpretazzjoni mitluba ma għad għandha ebda utilità reali għas-soluzzjoni tat-tilwima inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

19 Konformement ma' ġurisprudenza stabbilita, hija biss il-qorti nazzjonali, li tkun adita bil-kawża u li jkollha r-responsabbiltà li tagħti d-deċiżjoni ġudizzjarja, li għandha tiddetermina, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm il-ħtieġa ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domandi magħmula jkunu jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, fil-prinċipju, marbuta tagħti deċiżjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 2000, Sehrer, C-302/98, EU:C:2000:322, punt 20, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2012, Folien Fischer u Fofitec, C-133/11, EU:C:2012:664, punt 25).

20 Ir-rifjut li tingħata deċiżjoni fuq domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jidher manifestament li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma jkollha ebda relazzjoni mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew anki meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex twieġeb b'mod siewi għad-domandi magħmula lilha (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ġunju 2010, Melki u Abdeli, C-188/10 u C-189/10, EU:C:2010:363, punt 27, kif ukoll tat-28 ta' Frar 2012, Inter-Environnement Wallonie u Terre wallonne, C-41/11, EU:C:2012:103, punt 35).

21 Madankollu, f'dawn iċ-ċirkustanzi, dan ma huwiex il-każ, peress li l-qorti tar-rinviju indikat b'mod ċar il-motivi li għalihom hija għamlet id-domanda preliminari u peress li risposta għal din id-domanda hija neċessarja sabiex tkun tista' tagħti deċiżjoni.

22 Għaldaqstant, it-talba għal deċiżjoni preliminari għandha titqies li hija ammissibbli.

*Fuq il-mertu*

23 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi kontribuzzjoni soċjali fuq benefiċċji ta' skemi ta' pensjoni supplimentari minkejja li l-benefiċjarju ta' dawn il-pensjonijiet supplimentari ma jkunx jirrisjedi f'dan l-Istat Membru u, skont l-Artikolu 13(2) tal-imsemmi regolament, huwa suġġett għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li jirrisjedi fih.

24 Sabiex tingħata risposta utli lill-qorti tar-rinviju, hemm lok li jitfakkar qabelxejn li skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71, it-terminu "leġiżlazzjoni" ikopri, għal kull Stat Membru, il-liġijiet, ir-regolamenti, id-dispożizzjonijiet u l-miżuri l-oħra kollha ta' applikazzjoni, eżistenti jew futuri, li jikkonċernaw is-setturi u l-iskemi ta' sigurtà soċjali msemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) ta' dan ir-regolament.

25 Madankollu, u konformement mat-tieni subparagrafu tal-imsemmi Artikolu 1(j), it-terminu "leġiżlazzjoni" jeskludi d-dispożizzjonijiet kuntrattwali eżistenti jew futuri, indipendentement minn jekk kinux is-suġġett ta' deċiżjoni tal-awtoritajiet pubbliċi li trendihom obbligatorji jew testendi l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom.

26 Filwaqt li mill-formulazzjoni stess tad-domanda preliminari jirriżulta li l-benefiċċji tal-iskemi ta' pensjonijiet supplimentari li jibbenefika minnhom W. Hoogstad fil-kawża prinċipali "ma humiex leġiżlazzjonijiet fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(j) tar-Regolament Nru 1408/71", xorta jibqa' l-fatt li l-impożizzjoni ta' kontribuzzjoni fuq dawn l-iskemi ta' pensjonijiet supplimentari tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament.

27 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-kunċett ta' "leġiżlazzjoni" huwa kkaratterizzat bil-kontenut vast tiegħu, li jinkludi kull tip ta' miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi adottati mill-Istati Membri, u għandu jinftiehem fis-sens li jinkludi l-miżuri nazzjonali kollha li japplikaw f'dan il-qasam (sentenza tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 32).

28 F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-fattur determinanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1408/71 huwa r-rabta diretta u suffiċjentement rilevanti li għandu jkun hemm bejn id-dispożizzjoni inkwistjoni u l-liġijiet li jirregolaw is-setturi tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar- Regolament Nru 1408/71 (sentenzi tat-18 ta' Mejju 1995, Rheinhold & Mahla, C-327/92, EU:C:1995:144, punt 23; tal-15 ta' Frar 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-34/98, EU:C:2000:84, punt 35, tal-15 ta' Frar 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-169/98, EU:C:2000:85, punt 33, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 23).

29 Għaldaqstant, il-fatt li imposta tiġi kklassifikata bħala "taxxa" skont leġiżlazzjoni nazzjonali ma jeskludix il-fatt li, fir-rigward tar-Regolament Nru 1408/71, din l-istess imposta tkun tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament (sentenza tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li imposti li ma jikkonċernawx id-dħul mill-impjieg u d-dħul sostitut tal-ħaddiema, iżda huma imposti fuq id-dħul mill-patrimonju, jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi regolament, peress li ma huwiex ikkontestat li l-profitt ta' dawn l-imposti jikkontribwixxi direttament u speċifikament għall-finanzjament ta' ċerti setturi tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru inkwistjoni (sentenza tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 28).

31 L-istess konklużjoni għandha tinsilet fir-rigward ta' imposti bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali li japplikaw fuq skemi ta' pensjonijiet supplimentari, peress li l-profitt ta' dawn l-imposti jikkontribwixxi direttament u speċifikament għall-finanzjament ta' ċerti setturi tas-sigurtà soċjali fl-Istat Membru inkwistjoni.

32 Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għan imfittex mir-Regolament Nru 1408/71 kif ukoll mill-prinċipji li fuqhom huwa bbażat dan tal-aħħar.

33 Fil-fatt, sabiex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema fl-Unjoni Ewropea filwaqt li jiġi osservat il-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament tagħhom skont il-leġiżlazzjonijiet nazzjonali differenti, ir-Regolament Nru 1408/71 implementa, fit-Titolu II tiegħu, sistema ta' koordinazzjoni li tirrigwarda b'mod partikolari l-istabbiliment tal-leġiżlazzjoni jew tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli għall-ħaddiema impjegati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jużaw, f'ċirkustanzi differenti, id-dritt tagħhom għall-moviment liberu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' April 2008, Derouin, C-103/06, EU:C:2008:185, punt 20; tat-3 ta' Marzu 2011, Tomaszewska, C-440/09, EU:C:2011:114, punti 25 u 28, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 34).

34 Il-fattur ta' kompletezza ta' din is-sistema ta' regoli ta' kunflitt għandu bħala effett li jċaħħad is-setgħa lil-leġiżlatur ta' kull Stat Membru li jiddetermina liberament il-portata u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali tiegħu fir-rigward tal-persuni suġġetti għaliha u tat-territorju li fih jipproduċu l-effetti tagħhom id-dispożizzjonijiet nazzjonali (sentenzi tal-

10 ta' Lulju 1986, Luijten, 60/85, EU:C:1986:307, punt 14; sentenza tal-5 ta' Novembru 2014, Somova, C-103/13, EU:C:2014:2334, punt 54, kif ukoll tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 35).

35 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprevedi li persuni li għalihom japplika dan ir-regolament għandhom ikunu suġġetti għal-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss, fatt li għaldaqstant jeskludi, bla ħsara għall-każijiet previsti fl-Artikoli 14ċ u 14f, kull possibbiltà ta' kumulu, għall-istess perijodu, ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Mejju 1977, Perenboom, 102/76, EU:C:1977:71, punt 11, u tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 36).

36 Dan il-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli fil-qasam tas-sigurtà soċjali huwa intiż li jevita l-kumplikazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni simultanja ta' diversi leġiżlazzjonijiet nazzjonali u li jelimina l-inugwaljanzi fit-trattament li, għall-persuni li jiċċaqilqu fi ħdan l-Unjoni, ikunu l-konsegwenza ta' kumulu parzjali jew intier tal-leġiżlazzjonijiet applikabbli (ara, f'dan is-sens, sentenzi tal-15 ta' Frar 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-34/98, EU:C:2000:84, punt 46, tal-15 ta' Frar 2000, Il-Kummissjoni vs Franza, C-169/98, EU:C:2000:85, punt 43, u tas-26 ta' Frar 2015, de Ruyter, C-623/13, EU:C:2015:123, punt 37).

37 Madankollu, il-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli jirregola biss is-sitwazzjonijiet li jirreferi għalihom l-Artikolu 13(2), kif ukoll l-Artikoli 14 sa 17 tar-Regolament Nru 1408/71, sa fejn jiddeterminaw ir-regoli ta' kunflitt li għandhom jiġu applikati fil-każijiet differenti inkwistjoni.

38 Għalhekk, b'effett mill-introduzzjoni mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2195/92, tal-25 ta' Ġunju 1991, (ĠU 1991 L 206, p. 2), li jemenda r-Regolament Nru 1408/71, mill-punt (f) sal-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1408/71, il-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni huwa wkoll applikabbli għall-ħaddiema li jkunu temmew definittivament l-attivitajiet professjonali tagħhom.

39 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 13(2)(f) tar-Regolament Nru 1408/71, W. Hoogstad, fil-kwalità tiegħu ta' pensjonant li jirrisjedi l-Irlanda, jinsab suġġett għal-leġiżlazzjoni tas-sigurtà soċjali ta' dan l-Istat Membru u għaldaqstant ma jistax ikun suġġett minn Stat Membru ieħor, fir-rigward b'mod partikolari ta' benefiċċji ta' pensjonijiet supplimentari, għal dispożizzjonijiet legali li japplikaw kontribuzzjonijiet li għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-liġijiet li jirregolaw is-setturi tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1408/71.

40 Din il-konstatazzjoni ma tistax tiġi invalidata mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71, li permezz tiegħu Stat Membru huwa intitolat jirċievi kontribuzzjonijiet ta' assigurazzjoni tal-mard mingħand persuna li tirċievi pensjoni jekk huwa jkun responsabbli għal dawn il-benefiċċji.

41 Fil-fatt, l-Artikolu 33 tar-Regolament Nru 1408/71 għandu jiġi moqri b'riferiment għall-Artikoli 27, 28 u 28a tas-Sezzjoni 5 tal-Kapitolu I tat-Titolu III tar-regolament applikabbli għad-drittijiet ta' benefiċjarji ta' pensjonijiet u tal-membri tal-familja tagħhom, li jkopru kemm sitwazzjonijiet li fihom il-benefiċjarju jirċievi pensjoni dovuta skont il-leġiżlazzjoni ta' żewġ Stati Membri jew iktar, kif ukoll sitwazzjonijiet li fihom il-benefiċjarju jirċievi pensjoni skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru wieħed biss, iżda ma jkollu ebda dritt għal benefiċċji fil-pajjiż ta' residenza tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ġunju 2000, Sehrer, C-302/98, EU:C:2000:322, punt 26).

42 Għaldaqstant, ma jistax jiġi dedott mill-eżistenza ta' regoli sostantivi dwar id-drittijiet ta' benefiċjarji ta' pensjonijiet, li fi kwalunkwe każ ma humiex applikabbli għal pensjonijiet jew għal pensjonijiet supplimentari li huma bbażati fuq dispożizzjonijiet kuntrattwali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Jannar 1992, Il-Kummissjoni vs Franza, C-57/90, EU:C:1992:10, punt 20), li l-imposti ta' kontribuzzjonijiet soċjali fuq tali pensjonijiet supplimentari huma kompatibbli mal-prinċipju ta' uniċità tal-leġiżlazzjoni applikabbli stabbilit fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula għandha tkun li l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1408/71 jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi imposti ta' kontribuzzjonijiet li għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-liġijiet li jirregolaw is-setturi ta' sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament, fuq benefiċċji ta' skemi ta' pensjonijiet supplimentari minkejja li l-benefiċjarju ta' dawn il-pensjonijiet ma jkunx jirrisjedi f'dan l-Istat Membru u, skont l-Artikolu 13(2)(f) ta' dan l-istess regolament, ikun suġġett għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li fih jirrisjedi.

**Fuq l-ispejjeż**

44 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità, kif emendat u aġġornat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1606/98, tad-29 ta' Ġunju 1998, jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi imposti ta' kontribuzzjonijiet li għandhom rabta diretta u suffiċjentement rilevanti mal-liġijiet li jirregolaw is-setturi ta' sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 4 tal-imsemmi regolament Nru 1408/71, fuq benefiċċji ta' skemi ta' pensjonijiet supplimentari minkejja li l-benefiċjarju ta' dawn il-pensjonijiet ma jkunx jirrisjedi f'dan l-Istat Membru u, skont l-Artikolu 13(2)(f) ta' dan l-istess regolament, ikun suġġett għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali tal-Istat Membru li fih jirrisjedi.**

Firem